Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Mejju 2018**
**(OR. en)**

**8401/2/18**
**REV 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2014/0100 (COD)**

**CODEC 644**
**AGRILEG 62**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fl-24 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1], ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Jannar 2015[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ħareġ l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Jannar 2015[3].

1 7956/14.
2 ĠU C 12, 15.1.2015, p. 75.
3 ĠU C 19, 21.1.2015, p. 36.

3. Fid-19 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

4. Għalhekk, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 62/17, bħala punt "A" ta’ laqgħa li jmiss, bir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, is-Slovakkja, il-Litwanja u Ċipru jivvotaw kontra u l-Belġju, l-Ungerija u l-Awstrija jastjenu;
- jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] 8060/1/18 REV1.